MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 536/2012

**Carini Stores Limited – C13528**

**vs.**

**Zamsul Contractors Limited – C30356**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, mija tnejn u ghoxrin ewro, u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,122.23c) dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta` attrici, rapprezentanti materjal supplit lis-socjeta' intimata mill-esponenti, u li ghadu ma thallasx;

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm permezz bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta permezz tad-difensur taghha, fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2012, ipprezentat u qrat nota t’ammissjoni, illi permezz tal-istess nota hija ammettiet it-talba attrici kif dedotta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess socjeta’ konvenuta, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta′ konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elf, mija tnejn u ghoxrin ewro, u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,122.23c), bl-imghax legali dekorribbli mill-31 ta’ Lulju 2012 li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, huma a kariku tas-socjeta′ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------